MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tal-25 ta' Frar, 2015

Appell Civili Numru. 210/2012/1

**NORBERT ATTARD u martu DANIELA ATTARD**

**Vs**

**VICTOR GALEA U VG TILES & MARBLE**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza moghtija fid-09 ta' Jannar 2013 fejn il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*"Il-Qorti:-*

*Rat ir-rikors ipprezentat mill-atturi nhar l-20 ta' Gunju 2012 fejn talbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti ihallsuhom il-bilanc ta' hamest elef, tmien mija u hamsin Ewro (€5,850) rapprezentanti installazzjonijiet u bejgh ta' 'air condition units' illi huma pprovdew u installaw fuq talba taghhom gewwa il-fond 'VG Tiles & Marble' go H'Attard, valur tal-bejgh originali kien jammonta ghal total ta' disat elef, tmien mija u hamsin Ewro (€9,850) il-bilanc mitlub mhux mhallas kif ser jigi pruvat waqt il-kawza.*

*Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandati u bl-imghax legali.*

*Rat ir-rispsota tal-konvenuti pprezentata nhar il-11 ta' Lulju 2012 fejn eccepew is-segwenti:*

*1. "Illi preliminarjament l-intimat Victor Galea personalment ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi qatt ma kellu l-ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti.*
*2. Illi preliminarjament ukoll 'VG Tiles & Marbles' mhix ditta jew socjeta' jew kumpanija jew entita' guridika ohra ezistenti u konsegwentement qatt ma jista' jinghata gudizzju integru fil-konfront ta' tali entita', kif jista' jigi ampjament ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din l-eccezzjoni.*
*3. Illi minghajr kull pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-attur Norbert Attard issuplixxa air conditioning units inferjuri u mhux ta' kwalita' li waslu ghal diversi riparazzjonijiet u sahansitra tibdiliet fil-units u ghalkemm ir-rikorrenti gew mgharfa diversi drabi dwar dan xorta wahda ghazlu li jipprocedu intempestivament b'dawn il-proceduri. Ghalhekk m'ghandhiex ikun hemm kundanna ghal hlas ta' prodott mibjugh li huwa difettuz, inferjuri u stallat mhux skond is-sengha u l-arti kif jista' jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*
*4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-mertu tal-kawza odjerna hija wahda ta' natura teknika u jezistu formulae u testijiet xjentifici li juru minghajr dubbju l-kwalita' taghhom kif ukoll dik tal-installazzjoni ta' dawn l-airconditioning units u*

*ghalhekk ghandu jigi mahtur espert sabiex jevalwa l-installazzjonijiet kif ukoll il-units mertu ta' din il-kawza.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi."*

**L-attur Norbert Attard** *xehed nhar id-19 ta' Settembru 2012 u kkonferma li kien ilu ghal dawn l-ahhar sitt snin igib l-air conditioners sabiex ibieghhom u jinstallhom. Iddikjara li fil-fatt igib kemm air conditioners ghad-djar, kif ukoll dawk kommercjali. Is-sur Victor Galea fis-sena 2012 talbu stima sabiex jaghtih air conditioner ghas-showroom li huwa ghandu H'Attard. Dan accetaha u spiccaw wahlulhu sitt airconditioners, tlieta f'kull sular. Tenna li dawn l-air conditioners twahlu fl'Lulju ta' l-istess sena. Iddikjara li l-konvenut ghandu thirty six thousand units fuq kull air conditioning unit, u huwa qallu li fuq il-bejt fejn kienu gejjin l-outdoor units, huwa kellu jtellaghlhom is-supply tat-three phase u fil-fatt kien irrakommandalu sabiex iqabbad electrician. Fil-fatt qallu li kien imhabbat hafna u talbu sabiex isiblu electrician u mbaghad kellu jirranga mieghu hu. Effettivament qabbadlu l-electrician u l-air conditioners qabbadhomlu f'Lulju ta' dik is-sena.*

*Ftakar li wara ftit jiem ghamel kuntatt mieghu u qallu li s-showroom kienet qeghda tiksah pero' mhux bizzejjed. Huma iddecidew li jkabbrulu zewg units ta' kull sular, u huwa kien irrakommandalu biex jaghmel certu tined biex jilqa' is-shana minn barra, pero' dawn m'ghamilhomx. Iddeciedew li jkabbru zewg units minn kull sular, u dan pero' minghajr ma jzidu fil-prezz. L-attur ordna dawn il-units apposta ghalih, u eventwalment waslu f'Jannar tas-sena ta' wara. Sa Jannar huwa ma talbux flus. Malli gew installati, naturalment il-problema giet rizolta u ghalhekk talbu sabiex jithallas. Fil-fatt originarjament, meta kienu twahhlu f'Lulju kienu waslu fi ftehim li kellu jhallashom fi tlett pagamenti. Iddikjara li t-total kien ta' disat elef w tmien mija w hamsin Ewro (€9,850) u il-bilanc kien ta' hamest elef w tmien mija u hamsin Ewro (€5,850), imbaghad peress li kien hemm dik il-problema ma tkellem xejn aktar mieghu dwar il-pagamenti, u kellhom jergghu jitkellmu una volta jigu installati f'Jannar.*

*F'Jannar wara li gew installati u kien sodisfatt talbu il-flus u ra li beda jirrezisti sabiex ihallsu u qallu sabiex jaslu fi ftehim b'pagamenti mensili. Ghamlu ftehim dwar it- terms of repayment li gie esebit u mmarkat bhala Dokument Z. Iddikjara li is-sur Victor Galea ghandu kopja ta' dan id-dokument. Iddikjara li l-ewwel pagament li kellu jsir kien fi Frar ta' dik is-sena pero' ma sarx. Pero' kien sar f'April tas-sena 2011. Iddikjara li fil-fatt fl-ewwel hames pagamenti, il-konvenut ma zammx iz-zmien moghti lilu, pero' hallashom u ghalhekk illum il-gurnata huwa qieghed ifittxu ghal pagementi l-ohrajn. L-ahhar pagament kellu jsir fil-15 ta' Jannar 2012. Huwa wera lil Qorti l-original tad-dokument. Gharaf il-firma tieghu kif ukoll il-firma ta' Victor Galea fuq dan il-ftehim. Iddikjara li sabiex ingabru il-pagamenti, hu flimkien mal-mara tieghu kellhom jigru hafna warajh. Sahansitra anke ittra legali kien baghtlu. Il-konvenut kien igiblu kull skuza sabiex ma' jhallashomx, li hu ghadu ma thallasx u ried jigbor il-flus u hafna affarijiet bhal dawn. Lilu pero' qatt ma qallu li l-flus ma kienux dovuti jew li ma kienx ser ihallsu.*

**L-attrici Daniela Attard** *xehdet fl-istess jum tad-19 ta Settembru 2012 u spjegat li hija tigi il-mara ta' l-attur Norbert Attard, u qalet li tghin lil zewgha fix-xoghol tieghu. Taf li effettivament Victor Galea kien talab biex jinstallawlu xi air conditioners fil-propjeta' tieghu u effettivament l-air conditioners gew installati. Taf li kien hemm xi kwistjonijiet dwar tnejn minnhom u dawn gew mibdula u l-godda gew installati f'Jannar. Sussugwentament taf ukoll li r-ragel taghha kien qieghed jithabat sabiex jithallas u kien wasal fi ftehim mal-konvenut Victor Gauci bil-modalita ta' kif kellu jithallas dak dovut lilu. Taf li effettivament ghall-ewwel xhur kellhom diffikulta' pero', kien ihallas. Ftakret li effettivament l-pagamenti kellhom jibdew fi Frar 2011 pero' ma kienx hallas u kienet marret ghandu f'April u staqsietu ghalfejn kien qieghed idum daqshekk sabiex ihallashom u qaltlu li jekk ma kellux flus ma kienx imissu ghamel kuntratt maghhom. Fil-fatt qalilha li flus kellu pero' kien ghad fadallu jircievi xi pagamenti minghand il-Gvern u li jisthi minn Norbert ghaliex kien mexa ta' ragel mieghu. Fil-fatt f'April kien sar l-ewwel pagament ta' tmien mitt Ewro.*

*Qalet li sussugwentement baqghet tigri warajh u nonostante dan, ma baqghax ihallasha u f'Awwissu 2011 regghet marret, dahlet fis-showroom, kien hemm tal-front desk u qaltilha sabiex tqabbadha mal-konvenut u qallha biex tmur saghtejn wara u li kien ser jaghtiha zewg pagamenti u tghid li effettivament dakinhar kien taha pagament ta' tmien mitt Ewro u pagament iehor post dated ghat 12 ta' Settembru 2011. Iddikjarat li kien hallasha permezz ta' cekk. Mistoqsija mill-Qorti jekk ic-cekk kienx f'ismu jew f'isem il-kumpanija wiegbet li ma tafx, ghax kien ir-ragel li kien imur jigbor ic-cekk. Ikkonfermat li llum il-gurnata ghad hemm bilanc dovut lir-ragel taghha, u dan fl-ammont ta' hamest elef, tmien mija u hamsin Ewro (€5,850). Tenniet li fil-fatt dejjem ghamlet id-dealings taghha dirett ma' Victor Galea. Darba minnhom sabitu is-showroom u darba ohra kellmitu minn fuq it-telephone. Mistoqsija jekk l-air conditioners kienx ghadhom imwahhlin fuq il-post, wiegbet li iva u li dawn jiffunzjonaw normali. Maghha qatt ma kkomplejnja dwarhom.*

***Ronnie Vassallo** xehed nhar l-24 ta' Ottubru 2012 fejn iddikjara li jahdem fuq l-air conditioners billi jinstallhom u jaghmel xi tiswijiet li hemm bzonn. Zied li gieli kien imqabbad mill-attur biex jaghmel xi xoghol ghalih. Tenna li kien hemm xi zmien meta kien ghamel xi installazzjoni ta' air conditioners fil-propjeta' ta' certu Victor Galea. Ikkonferma li kien iltaqa ma' Victor Galea tramite Norbert Attard biex jaraw u jiddiskutu x'tip ta' xoghol kien hemm bzonn li jsir. Sostna li kienu ftehmu kif ghandu jsir ix-xoghol u sussugwentement kien mar flimkien ma' persuna ohra li tkun mieghu, certu John Vassallo, sabiex jibdew ix-xoghol. Iddikjara li ghamlu x-xoghol kif kien miftiehem. Ikkonferma li effettivament kienu installaw sitt air conditioning units, li naturalment hadmuwhom. Zied li Victor Galea ra x-xoghol u kien kuntent dwar dak li kien sar, u effettivament wara li lesta x-xoghol kien tah delivery note u li giet iffirmatha minnu. Ikkonkluda li dak inhar ma rcieva l-ebda pagament tax-xoghol li ghamel.*

***Il-konvenut Victor Galea** xehed fis-7 ta' Novembru 2012 fejn iddikjara li ghandu fabbrika tal-madum u rham u showroom fejn jesebixxi l-prodotti tieghu. Dan ix-showroom huwa maghruf bhala VG Tiles and Marble u*

*jinsab H'Attard. Fil-fatt VG Tiles hija kumpanija li tipproduci l-madum u l-irham u hu jopera n-negozju tramite din il-kumpanija. Il-fabbrika qieghda gewwa z-zona ndustrijali u l-hanut Tiles and Marble qieghed f'Notabile Road, Attard.*

*Huwa kkonferma li kellhom bzonn li jigu nstallati l-air conditioners fil-hanut tieghu u fil-fatt gabar erba' quotations dwar ix-xogholijiet. Waqt l-evalwazzjoni flimkien mal-inginier taghhom, evalwaw il-volum u l-konsum tal-elettriku u ghazlu ta' Norbert Attard. Huwa spjega li l-attur kien gie fuq il-post taghhom u kien ha l-kejl biex jara x'tip ta' air conditions kellhom jigu nstallati. Ha nota li din tinsab faccata tax-xemx minn fil-ghodu sa fil-ghaxija u gibidlu l-attenzjoni li anke fix-xitwa jkun hemm shana f'dan is-showroom u fil-fatt wasalu fi ftehim. Sussegwentament mar u wahhal dawn l-air conditioners u ghamlu gimghat juzawhom, pero' ma kienux tajbin bizzejjed, ma kienx hemm l-effett ta' kesha kif mitluba jew almenu ma kienx ikessah daqs l-air conditioner li kien hemm installat qablu. Huwa sostna li dawn l-air conditioners ma kienux qed ikesshu, fil-fatt ma kienx hemm bizzejjed BTUs, fil-mudelli li gew installati. Naturalment huwa qallu,  u mar ukoll ma' l-espert minn fejn kien gabhom hu. Ittiehdet decizjoni li kellu jibdel tnejn minnhom. Dawn gew mibdula, gew installati air conditioner units godda u akbar u naturalment kellhom aktar BTUs.*

*Huwa stqarr li l-air conditioners kienu godda pero' r-replacement li gew ma kienux godda. Wiehed minnhom dejjem bil-hsara u fil-fatt gie jsewwieh xi tmien darbiet u ghadu sal-lum jixghel hames minuti u jintefa'. Mistoqsi mill-Qorti jekk effettivament huma jiffirmawx xi job cards jew ikollhomx xi dokumentazzjoni li jkun mar, wiegeb li mhux dejjem.  Gieli jmur isewwieh u jitlaq.*

*Huwa spjega li l-erba' l-ohra li baqghu nstallati fil-fond ukoll kellhom xi tibdil. Kellhom tibdil fil-cartridge ta' fuq il-bejt. Nonostante kellhom installati tnejn godda xorta huma m'humiex kuntenti. Meta huma evalwaw il-konsum tal-elettriku u cioe' ghamlu paragun mal-air conditioners li kellhom qabel mal-quotation li effettivament giet moghtija*

*lilhom mill-atturi stess, qal li effettivament irrizultalhom li qed juzaw sitt mija u erbgha u ghoxrin Ewro fix-xahar u qabel kienu juzaw in-nofs. Mistoqsi jekk kienx ilmenta ma' l-atturi dwar dan, qal li iva effettivament kien ghamel hekk u talbu jaghtih specifictions tal-air conditioners godda li gew installati. Minn hemmhekk ma kellimhomx aktar u pproceda bil-Qorti. Huwa stqarr li llum il-gurnata ghadu jhallas kont aktar gholi minn dak li kien ippjana. Huwa qatt ma ghamel xi proposti dwar x'ghandhom jaghmlu dwar din il-kwestjoni ghaliex l-atturi qatt ma tawh cans.*

***Victor Galea*** *rega' xehed in kontro-ezami fit-12 ta' Dicembru 2012 fejn ikkonferma li l-air conditions ordnahom minghand l-attur wara li ghamlu agreement u wara twahhlu dawn l-air conditioners. Huwa kkonferma wkoll li dawn l-air conditioners gew b'garanzija. Huma kienu ghamlu assessment dwar il-konsum li kienu ser juzaw jekk huma jinstallaw l-air conditioners tal-atturi u kieku kellhom jinstallaw air conditioners ta' kompetituri tieghu. Huma deherilhom li kien jaqbel li jinstallaw l-air conditioners tal-atturi, minhabba kwistjoni ta' konsum. Ghalhekk xtraw dawn is-sitt units. L-air conditioners kienu kollha godda.*

*Huwa minnu li mart l-attur cemplet kemm il-darba biex tithallas skont l-iskrittura iffirmata. Il-kawza effettivament infethet wara li huwa ghamel certu pagamenti. Il-pagamenti waqfu sakemm inbiddlu l-air conditioners. Wara li dawn l-air conditioners inbidlu, huwa rega' beda bil-pagamenti. Vera li kien hemm perjodu, meta huwa waqaf mill-hlasijiet, ghax kien qed jistenna xi hlasijiet minghand haddiehor, u mbaghad ma tawhx cans biex ikompli jhallas.*

*Il-Qorti ra til-verbal taghha tat-12 ta' Diembru 2012 fejn din il-kawza giet differita ghas-sentenza in difetto ostakolo.*

*Ikkunsidrat:*

*Illi f'din il-kawza l-atturi qed ifittxu lill-konvenuti jew min minnhom sabiex ihalsuhom bilanc minn somma akbar rapprezentanti bejgh u konsenja u twahhil ta' sitt air conditioners fil-fond propjeta' tal-konvenuti gewwa H'Attard. Jidher li kien hemm xi problemi dwar din il-konsenja u twahhil taghha tant li fil-fatt l-attur kien sahansitra anke biddel zewg units minn dawk konsenjati ghaliex ma kienx kuntent bihom. Gara pero' li l-konvenuti ma kienux qed ihalsu ghal dak ordnat minnhom u l-atturi kienu qed jigru wara flushom.*

*Wara hafna diffikultajiet il-partijiet kienu pero' ftiehmu dwar il-modalita' ta' kif il-konvenut Victor Galea ghandu jhallas lill-attur u dan skond ftehim esebit fl-atti a fol 12 maghruf bhala 'revised and final quote'. F'dan il-ftehim il-konvenut Victor Galea kien accetta li ihallas lill-attur Norbert Attard is-somma ta' disat elef, tmien mija u hamsin Ewro (€9,850) u dan permezz ta' tnax-il pagament li kellhom isiru mensilment u konsekuttivi. Jidher li l-konvenut wara certu diffikulta' kien onora hames pagamenti fis-somma ta' tmien mitt Ewro (€800) il-wiehed u ghalhekk skond din l-iskrittura ghad hemm bilanc ta' hamest elef, tmien mija u hamsin Ewro (€5,850). Dan l-ammont per se ma jidhirx li huwa kontestat.*

*Illi fl-eccezzjonijiet tieghu l-konvenuti jghidu li fl-ewwel lok l-konvenut Victor Galea de proprio m'ghandu jaghti xejn u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.*

*Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**<u>Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et</u>'** deciza nhar l-hamsa (5) t'Ottubru 2001 mill-Qorti tal-Appell dwar l-istitut tal-legittimu kontradittur. Dik il-Qorti sostniet li:*

*"Biex jigi stabilit jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju,kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet  validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza.”*

*Issa minn ezami tal-ftehim esebit fl-atti a fol. 12 jidher li dan gie iffirmat mill-attur u mill-konvenut Victor Galea li assuma l-obbligazzjoni ta’ hlas hemm imsemmija u ghalhekk zgur li din il-Qorti ma tistax taccetta tali eccezzjoni fil-konfront tieghu u ghalhekk qed tigi michuda.*

*Fit-tieni eccezzjoni gie eccepit li l-konvenut VG Tiles & Marble mhix ditta jew socjeta’ jew kumpanija jew entita’ guridika ohra ezistenti u ghalhekk ma tistax ikollha gudizzju fil-konfront taghha. Il-Qorti ezaminat bir-reqqa il-provi u ma jidhirx li l-istess konvenut ressaq xi prova sabiex jelabora fuq dan il-punt, pero’ minkejja dan, din il-Qorti rat il-ftehim esebit a fol. 12 u tiddikjara li l-firmatarju ghan-nom tal-konvenuti kien biss Victor Galea de proprio u ghalhekk huwa l-istess Victor Galea personalment li ghandu jwiegeb ghal din it-talba.*

*Fit-tielet eccezzjoni gie eccepit li l-konsenja ma kinitx skond il-kwalita’ pattwita u kienet ta’ kwalita’ inferjuri u in oltre li ma gietx installata skond is-sengha u l-arti.  Dwar dan din il-Qorti ma thossx li ghandha tikkumenta ulterjorment stante il-ftehim esebit a fol. 12 fejn l-konvenut Victor Galea*

*irrikonoxxa d-debitu tieghu. Ma hemmx dubbju li dan il-ftehim jammonta ghal dak maghruf bhala 'pacta sunt servanda.'*

*Il-principju ewlieni mhaddan fil-kamp tal-kuntratti huwa pacta sunt servanda. Propju ghaliex il-ligi trid li kuntratt pattwit skond il-ligi jkollu l-forza ta' ligi bejn il-kontraenti.*

*Fil-kawza "**Spiteri vs Camilleri et**', deciza minn din il-Qorti (PA/RCP) fit-30 ta' Mejju 2002 inghad hekk:*

*"Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espress fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata",*

*Principju tad-dritt daqstant importanti u rilevanti ghall-fini tal-vertenza bejn il-partijiet huwa migbur fl-**Art. 993 tal- Kap.16** li jaqra hekk:*

*"Il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fidi, w jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skond ix-xorta taghha, bl-ekwita', bl-uzu jew bil-ligi. (ara - "**Depares noe vs O'Dea noe**" – A.C. -25 ta' Gunju 1996).*

*Kif tajjeb osservat il-Prim'Awla fis-sentenza taghha tal-25 ta' Frar, 2010 fl-ismijiet '**F. Advertising Limited (C27689) vs Francis u Antonia konjugi Grixti', "**Hi disposizzjoni espressa tal-Kodici Civili fl**-artikolu 992 (1**), illi l-kuntratt hu ligi ghall-partijiet kontraenti. Jinzel minn dan il-karattru enfatiku tal-artikolu tal-ligi illi l-partijiet kienu tenuti jirrispettaw it-termini u l-kondizzjonijiet tal-kuntratt, anke ghaliex "pacta sunt servanda", u l-kuntratt ma setax jimmodifika ruhu bil-volonta" unilaterali ta' xi parti."*

*Kif tajjeb gie osservat, (b'importanza ghal vertenza odjerna) fis-sentenza fl-ismijiet '**__Francis Paris et vs Maltacom plc__',** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar is-7 ta' Ottubru 2004 li meta jkun hemm ftehim bejn il-partijiet dan jkun ifisser li l-istess partijiet ikunu gja solvew il-problemi antecidenti li kellhom bejniethom. Dwar dan il-punt jinghad li:*

*"Dan hu konformi mal-principju li darba bejn il-partijiet hemm ftehim li jirregola r-relazzjonijiet ta' bejniethom hu prezunt li qabel ma jiffirmaw dak il- ftehim qiesu c-cirkostanzi tal-kaz u ta' l-interesssi taghhom, u allura darba iffirmaw il-kuntratt huwa dak il-kuntratt li jissanzjona r-relazzjonijiet ta' il- bejn kontendenti, u mhux xi principju iehor anchorche bazat fuq ekwita. Il-principju tar-rispett ghal volonta tal-partijiet huwa wiehed fondamentali u dak li ftiehmu fuqu il-partijiet ghandu 'forza ta' ligi' ghalihom.... u l-Qorti m'ghandhiex tuza d-diskrezzjoni taghha biex tissostitwixxi ghal dak li ftiehmu bil-volonta taghha."*

*Ghalhekk in vista tas-suespost din il-Qorti qed tichad din it-tielet eccezzjoni wkoll.*

*Dwar ir-raba' eccezzjoni u cioe' li kellu jigi nominat Espert Tekniku, din il-Qorti tirrileva li ma saret l-ebda talba ad hoc tul il-proceduri u in oltre fil-fehma taghha tali talba ma kinitx mehtiega stante li l-ftehim a fol 12 jissorvola kwalunkwe problema teknika li setgha kien hemm bejn il-partijiet antecedenti ghal ftehim de quo.*

***Ghaldaqstant, din il-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti salv ghat-tieni eccezzjoni, qieghda tilqa' it-talba attrici fil-konfront tal-konvenut Victor Galea de proprio u tikkundannah ihallas lill-atturi s-somma mitluba minnu fir-rikors promotur fl-ammont ta' hames elef, tmien mija u hamsin Ewro (€5,850) u qieghda tillibera lil VG Tiles & Marble mill-osservanza tal-gudizzju.***

***L-ispejjez ta' din il-kawza jithallsu kollha mill-konvenut Victor Galea inkluz dawk tal-mandati opportuni. L-imghax ghandu jiddekorri mid-data tal-ftehim esebit a fol 12 u cioe' mill-20 ta' Gunju 2010."***

Illi l-appellanti Victor Galea appella mill-imsemmija sentenza essenzjalment fit-termini ta'aggravju wiehed li jikkoncerna l-kundanna maghmula mil-Ewwel Qorti f'ismu personali ghall-ammont reklamat mir-rikorrenti appellati permezz tal-presenti istanza. Isostni illi mill-atti kellu ikun evidenti illi huwa kien ikontratta mar-rikorrenti ghan-nom ta' ente guridika separata u distinta u cioe' ghan-nom tas-socjeta VG Tiles u mhux f'ismu personali. Ma jidhirx illi sar appell fir-rigward tac-cahda maghmula mil-Ewwel Qorti tal-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mill-intimati.

Illi meta il-persuna imharrka f'kawza tissolleva eccezzjoni illi mhijiex il-legittimu kuntradittur, izda tishaq illi kellha tigi imharrka persuna ohra minflokha, jenhtiegilha necessarjament tressaq provi ghal konvinciment ta' min irid jiggudika, illi t-talba attrici fil-konfront taghha ma tisthoqqx akkoljiment u li huwa ser isofri ingustizzja b'kundanna fil-konfront tieghu billi mhuwiex il-persuna li ghandha twiegeb ghal dik it-talba. Il-kuntrarju jista' iwassal biss sabiex kull min jigi imharrek f'kawza jistahba wara tali eccezzjoni biex jahrab mill-konsegwenzi ta'l-azzjoni intentata fil-konfront tieghu/taghha.

Illi fis-sentenza **Mirabel Distributors Limited vs Emanuel Zammit**[1], dina l-Qorti kif diversament ippresjeduta ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet in konnessjoni ma' dan il-punt procedurali:

**"Saru frekwenti il-kawzi fejn persuna azzjonata ghal hlas titrincera ruhha wara l-eccezzjoni li ma hiex il-legittimu kontradittur. Kif gie osservat "*certi kazijiet huma ovvji, ohrajn mhux daqstant ovvji. Fejn hemm dubbju pero' wiehed kellu jippresumi illi l-persuna li qed tikontratta kienet hekk qed taghmel f'isimha proprju*" – Lawrence Formosa et. ne vs Silvio Felice, Appell 6 ta' Ottubru 1999."**

Issokta jigi sostenut illi ***"biex ikun diversament kien jispetta lill-appellanti li jipproducu provi konklussivi in sostenn tal-pretensjoni taghhom proprju biex jistabilixxu illi dak li kellu jigi prima facie prezunt mic-cirkostanzi materjali li fihom sar in-negozju …… ma kienux jirrispekkjaw il-verita' ghaliex fil-verita' n-negozju kien sar ma' haddiehor"*** – "**John Vella nomine –vs- Anthony sive Mario Anthony Vella et**", Appell, 3 ta' Dicembru 1999.

Bhal fil-kaz tal-konkluzjoni raggunta fid-decizjonijiet fl-ismijiet "**Joseph Chetcuti nomine -vs- Peter Paul Camilleri**", Appell, 4 ta' Dicembru 1988; "**Anthony Caruana et –vs- John Magro et**", Appell, 6 ta' Ottubru 1999, u l-ohrajn referenzjati fihom,

***"din il-Qorti jidhrilha li l-konvenut ma rnexxilux jipprova sodisfacentement li hu mhux obbligat personalment li jhallas il-kreditu tas-socjeta' attrici. Fi kliem iehor ma jirrizultax sodisfacentement li meta l-konvenut innegozja mas-socjeta' attrici 'a tempo vergine' hu gab a konjizzjoni taghha li hu kien qieghed jixtri ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' u li din is-socjeta' biss kienet obbligata ghal hlas."*** **(sottolinjar tal-Qorti)**

Illi il-Qorti mal-ewwel tosserva nuqqas lampanti fil-provi imressqa mill-appellanti li ghalkemm jishaq illi huwa qatt ma ikkontratta mal-appellati f'ismu personali, madanakollu provi in sostenn ta' dak allegat minnu huwa ma

[1] App. Inf. 16/12/2002

iressaqx. Illi mill-provi akkwiziti fl-atti jirrizulta illi kien hemm relazzjoni kummercjali kontinwa ghaddejja bejn il-partijiet li damet ghaddejja ghal diversi xhur.

Illi kif qalet tajjeb is-sentenza hawn fuq iccitata kien jinkombi fuq l-intimat appellanti illi jinforma lill-appellati illi huwa kien qieghed jagixxi ghan-nom u in rappresentanza ta’ socjeta kummercjali u mhux f’ismu proprju. Fil-fatt id-dokument li jaghmel referenza ghalih l-appellanti fir-rikors ta’l-appell imkien ma jindika in-nom tas-socjeta kummercjali li taghha huwa id-direttur u cioe’ is-socjeta li jindika bl-isem “VG Tiles”. Illi d-dokument esebiet a fol.11 u 12 tal-process jindika l-ismijiet “Tiles & Marble” u “Victor Galea”. Meta imbaghad fl-14 ta’ Jannar 2011 gie miftiehem il-metodu ta’ kif kellu isir il-hlas ghall-*airconditioning units* mibjugha, il-ftehim jigi iffirmat mill-appellanti Victor Galea u fl-ebda mument ma jigi indikat illi huwa qieghed jiffirma dana id-dokument in rappresentanza ta’ xi socjeta kummercjali. Dana ghaliex ghalkemm socjeta kummercjali ghandha personalita’ guridika distinta minn dik ta’l-azzjonisti u id-diretturi taghha, madanakollu necessarjament hija rapprezentata minn persuna fizika u kwindi dik il-persuna ghandha l-obbligu tavza lil kull min qieghed jikkontratta maghha illi ma hijiex qieghda tagixxi bhala persuna fizika, izda fil-vesti taghha ta’ rapprezentant ta’ personalita’ guridika ohra u cioe’ ghan-nom ta’ kumpanija. Dana il-piz ma jaqax fuq l-ispalla ta’ min qed jikkontratta ma’ dina l-persuna billi hu ghandu kull dritt jemmen, fin-nuqqas li jinghata informazzjoni differenti, li qieghed jinnegozja mal-persuna li ghandu quddiemu.

Illi fid-dawl ta’ dak hawn fuq espost, din il-Qorti ghalhekk ma issib xejn x’ticcensura fid-decizjoni ta’l-Ewwel Qorti li gustament ikonkludiet illi l-appellanti bil-firma tad-dokument esebiet a fol.12 kien qieghed jassumi l-obbligazzjoni ta’ hlas indikat fl-istess. Dan ghaliex mill-analizi tal-provi akkwiziti, u bhala punt ta’ ligi, l-Qorti issib fuq il-bilanc tal-probabblita’ illi l-intimat appellanti ma irnexxielux igib prova rassikuranti, soda u soddisfacenti ghal konvinciment ta’ din il-Qorti illi l-appellati kienu jafu illi huma kienu qeghdin jinnegozjaw ma’ socjeta kummercjali u mhux mieghu personalment u li hu kien infurmhom ghaldaqstant.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma is-sentenza appellata.

L-ispejjez gudizzjarji tal-prezenti procedura jitbatew mill-intimat appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------